MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 51/2007

Victor Theuma
vs
Joseph Buttigieg

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-26 ta' Settembru 2007, li jghid hekk :-

'Peress illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur mitejn liri Maltin (Lm200) rapprezentanti qtugh ta' cangatura u cangatura supplita lill-konvenut.

Jghid il-konvenut il-ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn liri Maltin (Lm200) lill-attur kif hawn fuq dovuti.

Bl-imghax minn Gunju 2006.

Bl-ispejjez kollha nkluzi tal-ittra ufficjali ta' Awwissu 2007, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.'

Il-konvenuti permezz tar-risposta tieghu pprezentata fit-13 ta’ Novembru 2007, eccepixxa :-

‘Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt, fid-dritt, u fl-ekwita’, u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-ammont mitlub huwa esagerat ghaliex fil-fatt l-ammont dovut huwa ta’ sebghin lira Maltin (Lm70), liema ammont gie miftiehem bejn il-partijiet u li l-konvenut offra dan l-ammont iktar minn darba lill-attur izda kien l-attur li rrifjutah.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tan-nota fl-ittra ufficjali ta’ Awwissu 2007.’

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta’ erbgha mija u hamsa u sittin Euro u seba’ u tmenin centesimi (€465.87), prezz tal-bejgh ta’ mitejn qoxra tal-gebel li l-attur qata’ fuq ordni w inkarigu tal-konvenut, u skond il-qisien moghtija mill-konvenut. Bejn il-partijiet mhemmx kontestazzjoni dwar in-numru ta’ qxur li gew ordnati, maqtugha, u kkonsenjati, u hemm qbil li gew ikkonsenjati lill-konvenut mitejn qoxra tal-gebel. L-attur spjega li l-ordnijiet ghal dawn il-qxur tal-gebel ma kienux saru mieghu direttament, izda kienu saru ma’ wiehed mill-haddiema mpjegati tieghu, certu Leonard Tabone. B’kollox saru zewg ordnijiet, l-ewwel ghal hamsin qoxra u t-tieni ordni kienet ghal mija u hamsin qoxra ohra. Dan gie kkonfermat ukoll minn Leonard Tabone, il-haddiem li ghamel dan ix-xoghol. Il-materjal u l-ghodda gew ipprovduti mill-attur, u l-prezz ta’ kull qoxra l-attur stabbilih skond l-ispejjez li huwa ghamel biex xtara il-gebel, sar uzu tal-magna tal-isserrar, l-impjieg ta’ zewg haddiema biex qatghu dawn il-qxur, u l-konsum tad-dawl

biex inqata’ l-gebel skond il-qisien li ordna l-konvenut. Fuq dawn l-ispejjez l-attur zied ukoll il-profitt tieghu. Qed jitlob is-somma ta’ zewg Euros u tlieta u tletin centesimi (€2.33) ghal kull qoxra li giet maqtugha u kkonsenjata lill-konvenut. L-attur jammetti li ghalkemm ix-xoghol tieghu kien ta’ bennej, huwa ftit jew xejn kien ghamel dan ix-xoghol qabel din l-ordni li saritlu mill-konvenut. L-attur ma jikkontestax il-fatt li lill-konvenut ma kienx tah stima tax-xoghol qabel m’ghamlu, u lanqas kien intalab jaghtih stima mill-konvenut, u l-prezz ta’ lira Maltija (Lm1) ghal kull qoxra kien gharrfu bih xi zmien wara li kienet saret l-ewwel konsenja tal-gebel meta l-partijiet kienu ltaqghu fil-kazin tal-futbol fin-Nadur. L-ewwel darba li l-attur baghat il-kont bil-miktub lill-konvenut kien madwar sebgha jew tmien xhur wara li kienet saret it-tieni konsenja, u meta ra li kien ghadda zmien bizzejjed, u l-konvenut kien baqa’ ma kellmux dwar il-hlas tax-xoghol li kien ghamillu.

Minn naha l-ohra l-konvenut jaghti verzjoni pjuttost kontrastanti minn dik tal-attur. Jispjega li l-ordni tal-gebel hu kien ghamilha direttament lill-attur, u l-attur kien talbu prezz ta’ hamsa u tletin centesimi (Lm0.35,0) ghal kull qoxra. Dan kien prezz li skond hu, kien jaqbillu jordna x-xoghol kollu li ried minghand l-attur billi meta kien mar ghand ta’ Axiaq Bros. Stone Decorators Ltd. kienu tawh stima ta’ hamsin centesimi (Lm0.50,0) ghal kull qoxra. Lill-attur pero’ dan baqa’ ma hallsux il-ghaliex skond hu, l-attur kien imbaghad baghtlu kont gholi tax-xoghol.

Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti ‘tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha : (i) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u (ii) Fin-nuqqas, tigi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur*. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke’ fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.’

[Appell Inferjuri, **Maria Xuereb vs Clement Gauci et**, 24/03/2004]. Inghad ukoll li 'l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo*. Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni.' [Prim' Awla, **George Bugeja vs Joseph Meilak**, 30/10/2003].

Dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa x-xhieda kollha li ressqu l-partijiet u jistqarr frankament li n-negozju kif gie kondott minn naha tal-attur mhuwiex il-mod kif bih kellu jimxi l-attur aktar u aktar meta l-attur stess stqarr li dan ix-xoghol ftit jew xejn kien ghamlu qabel, u ghalhekk la darba ma kienx soltu jaghmel dan ix-xoghol li ordnalu l-konvenut, aktar u aktar kien imissu qaghad attent u fettex lill-konvenut u wrieh bic-car minn qabel kemm kienet ser tigi tiswielu  kull qoxra tal-gebel. Fil-fatt l-ispejjez tal-bicca xoghol li ghamel l-attur lill-konvenut swietlu lill-attur aktar minn min jaghmel dan ix-xoghol bil-kwantitajiet il-kbar bhalma taghmel il-kumpannija ta' Axiak Bros. Stone Decorators Ltd. L-attur kompla jizbalja meta pproceda biex jaghmel it-tieni ordni li saritlu mill-konvenut ghal mija

u hamsin qoxra ohra tal-gebel minghajr ma kien ghadu thallas tal-ewwel konsenja u minghajr ma kien accerta ruhhu jekk il-konvenut kienx fehemu tajjeb meta qallu bil-prezz tal-ewwel ordni li kien ghamel. L-attur stess jistqarr li meta qallu lill-konvenut li tal-ewwel ordni kien ser izommlu lira Maltija (Lm1) ghal kull qoxra tal-gebel, il-konvenut kien xengel wahda  rasu u telaq 'il hemm u ma kellmu xejn aktar. Minkejja dan l-attur ipproceda bit-tieni ordni li kienet saritlu mill-konvenut minghajr ma kien ghadu thallas tal-ewwel ordni u minghajr ma kien cert jekk il-konvenut kienx fehemu tajjeb dwar il-prezz tal-ewwel ordni.

Minn naha l-ohra dan it-Tribunal mhuwiex daqstant konvint bil-verzjoni li ta l-konvenut li huwa kien talab stima lill-attur u kien tah il-prezz ta' hamsa u tletin centesimi (Lm0.35,0) ghal kull qoxra meta dan ix-xoghol l-attur stqarr li ma kien ghamlu qatt qabel. Dan it-Tribunal iqis il-verzjoni tal-fatti tal-attur bhala wahda aktar attendibbli minn dik tal-konvenut, pero' mill-banda l-ohra ma jqisx li huwa gust u ekwu li l-konvenut ikollu jhallas prezz ghola ta' xoghol li seta' ghamlu bi prezz inqas minn dak li qed jitlob l-attur, kif fil-fatt irrizulta mix-xhieda ta' Carmelo Axiak.  Inghad li  'ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke' fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva [Prim'Awla, **Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Co. Ltd.**, 13/10/2004]. Ara a propozitu decizjoni a **Vol. XXXV P III p 615** fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi *vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*'. Ghalhekk b'applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz qed jiffissa *ex aequo et bono* s-somma ta' tliet mija u hamsa u ghoxrin Euro (€350) li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur ghax-xoghol minnu ordnat.

Ghaldaqstant, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u hamsin Euro (€350), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-hlas effettiv.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur u tliet kwarti (3/4) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------